# IL-MERILL:

## l-għasfur nazzjonali

*Denis Cachia*

F'xifer ta' xi rdum qrib il-baħar, nistgħu niltaqgħu ma' l-għasfur nazzjonali — il-merill. Hawn nistgħu narawh jiżgiċċa minn blata għal oħra, waqt li fir-rebbiegħa jgħanni l-għanja karatteristika tiegħu.

Il-merill huwa għasfur li jħobb joqgħod għal rasu. Għalhekk qatt ma jidher fi qtajja' ma' merilli oħra. Fi żmien il-bejta jidher ma' seħbitu jew mal-frieħ tiegħu ftit wara li dawn iħallu l-bejta. Il-merill iħobb ifittex postijiet aktarx kwieti fejn ma jdejquhx nies.Minbarra l-irdumijiet ta' ħdejn il-baħar, l-inħawi Maltin l-aktar imfittxa minn dan l-għasfur, il-merill nistgħu nsibuh ukoll f'widien fondi fil-blat, f'barrieri mitluqa, mal-blat għoli anke 'l bogħod mill-baħar, ma' xi sur qrib il-kampanja jew fil-miftuħ ħdejn xi bini antik, speċjalment bini mitluq.

Il-merill deher kemm-il darba f'postijiet mibnija jew viċin tagħhom. Fil-Gżira Manwel, li tinsab bejn il-medda art tal-Belt u dik ta' Tas-Sliema, deher kemm-il darba fejn aktarx ukoll bejjet mas-swar li hemm fil-qalba ta' din il-gżira ċkejkna. Il-merill kultant jidher ukoll il-Belt, jew il-Furjana, l-aktar ħdejn xi sur jew fuqu. F'postijiet bħall-Mellieħa, fejn il-bini rikeb fuq l-għoljiet, il-merill qed jipprova jaddatta ruħu għall-ambjent il-ġdid, jiġifieri ambjent mibni, u xi ftit pari jbejtu fit-tarf ta' dawn l-ibliet jew irħula.

Hawn min jaħseb li l-merill jinstab hawn Malta biss minħabba li huwa l-għasfur nazzjonali tagħna. Dan mhux minnu għaliex huwa mferrex f'ħafna pajjiżi oħra: wieħed jista' jiltaqa' miegħu f'ħafna gżejjer u pajjiżi Mediterranji, inklużi f'pajjiżi ta' l-Affrika ta' Fuq, kif ukoll f'pajjiżi ferm aktar imbiegħda bħat-Tajwan, iċ-Ċina u l-Ġappun li lkoll jinsabu fl-Asja.

L-isem tal-merill ġej mill-kelma Taljana *Merlo*. Hawn minn kien isejjaħlu Ċikku Diddijju, iżda dan l-isem m'għadux jintuża. Id-daqs tal-merill, li hu 20 ċm, jista' jitqabbel ma' dak ta' l-isturnell, għasfur ferm aktar komuni u familjari. Mill-bogħod, il-merill raġel jidher kollu iswed qisu malvizz iswed. Iżda ħarsa aktar mill-qrib, speċjalment permezz ta' xi tromba u f'dawl tajjeb, turina l-kulur blu skur fuq dahru, sidru u





*ritratt: Denis Cachia*

*IL-MERILL mara għandha r-rix ta' denbha u l-ġwienaħ sewdiena filwaqt li r-rix l-ieħor li jiksiha huwa kannella jagħti fil-griż miksi b'ħafna marki żgħar aktar ċari speċjalment fuq in-naħa ta' taħt.*

*ritratt: Denis Cachia*

*IL-MERILL raġel kulur blu fuq dahru, sidru u rasu, b'denbu u l-ġwienaħ suwed.*

rasu, filwaqt li denbu u l-ġwienaħ biss huma suwed. Il-merill mara għandha r-rix ta' denbha u l-ġwienaħ sewdiena filwaqt li r-rix l-ieħor li jiksiha huwa kannella jagħti fil-griż miksi b'ħafna marki żgħar aktar ċari speċjalment fuq in-naħa ta' taħt.

Sa minn kmieni fir-rebbiegħa, il-merill raġel jgħanni ferm aktar mis-soltu biex juri u jiddefendi t-territorju tiegħu. Jgħanni wkoll biex jiġbed l-attenzjoni ta' xi mara u jekk ikollu diġà waħda, jagħmel hekk sabiex iħejji għall-bejta. Jekk merill ikun għadu mingħajr sieħba, jew għax ikun ser ibejjet għall-ewwel darba jew għax il-mara tiegħu tkun mietet, jgħanni biex jiġbed xi mara li tinzerta fil-qrib. Il-merill jgħanni kemm minn fuq xi blata fid-dieher kif ukoll waqt xi titjira qasira meta jtir bil-mod u b'ċerta eleganza qisu xi farfett. Il-merill hu wkoll kapaċi jgħanni għanjiet qosra waqt li jkun qed iġorr l-ikel f'ħalqu biex iżoqq il-frieħ jistennew fil-bejta.

Il-post tal-bejta jintgħażel b'reqqa kbira. Il-bejta tinbena f'xi toqba jew xaqq fil-blat jew f'xi ħajt qadim jew tas-sejjieħ. Ħafna drabi l-bejta tkun fil-għoli biex ma tintlaħaqx faċilment, sew mill-bniedem kif ukoll minn xi annimali. Aktar ma l-bejta tkun moħbija aktar ikun hemm ċans li l-bejta tirnexxi. Għalhekk ta' spiss il-bejta tkun mibnija fil-fond f'xi ħofra fil-blat. Meta l-bejta tkun qiegħda tintuża, kemm ir-raġel kif ukoll il-mara joqogħdu attenti ħafna biex ma jikxfux il-post lil xi annimali jew xi bniedem li jkun fil-qrib u għalhekk ma jidħlux fil-bejta jekk ma jkunux żguri li l-periklu tbiegħed.

Il-bejta tinbena permezz ta' zkuk żgħar u rqaq, ħaxix u biċċiet t'għeruq u tkun forma ta' kikkra mdaqqsa. Bħall-bejtiet ta' ħafna għasafar oħra, jintuża materjal aktar goff fuq in-naħa ta' barra filwaqt li fuq in-naħa ta' ġewwa jintuża materjal aktar fin. Il-bejta tinbena l-aktar mill-mara waqt li r-raġel joqgħod għassa fil-qrib, għassa kontra xi periklu. Il-mara ġeneralment tbid minn erba' sa ħames bajdiet li jkunu jagħtu fiċ-ċelesti, kultant b'xi tikek żgħar ħamranin fil-parti l-wiesgħa tagħhom. Il-mara biss toqgħod fuq il-bajd u dawn ifaqqsu wara xi tlettax-il jum.

Meta l-bajd ifaqqas, il-merill raġel jgħin lil mara biex iġġib l-ikel għall-frieħ. Il-frieħ jiftħu ħalqhom beraħ kull darba li wieħed mix-xjuħ iġib xi ħaġa ta' l-ikel f'ħalqu. It-tisfir tal-frieħ ukoll jilqa' l-wasla tax-xjuħ u hekk kif il-frieħ jibdew jikbru aktar, l-għajat tagħhom jista' jinstema' minn distanza ta' diversi passi 'l bogħod mill-bejta.

Għall-ewwel jinġieb ikel żgħir bħal dud, ġurati u nsetti oħra, iżda meta l-frieħ jibdew jikbru jinġiebu ukoll ħlejjaq akbar, inklużi rettili bħall-gremxul u xaħmet l-art. Ħafna drabi l-merill iġib biss xi denb ta' gremxula minflok gremxula sħiħa



*L-ikel li l-merill jitma' lill-frieħ tiegħu.*

għax il-gremxula, biex taħrab lill-merill, twaqqa' denbha. Id-denb għalkemm maqtugħ mill-bqija tal-ġisem, jibqa' jferfer biex jiġbed l-attenzjoni ta' l-għasfur. Il-merill dlonk jaħtaf id-denb li jkun qed iferfer filwaqt li l-gremxula jirnexxielha tiskappa u ssalva ħajjitha. Ftit ġranet wara l-gremxula terġa' ttella' denb ieħor ġdid.

Il-frieħ idumu fil-bejta madwar sittax-il jum. Wara li dawn iħallu l-bejta, ix-xjuħ jibqgħu jitimgħu l-frieħ għal xi jiem oħra. Matul dan iż-żmien ikun hemm ħafna attività qrib il-bejta. L-għajat tal-frieħ jinstema' għal ħafna ħin hekk kif dawn jitkarbu għal xi ħaġa ta' l-ikel. L-għajat tal-frieħ u tax-xjuħ ikun jinstema' aktar qawwi jekk fil-qrib tal-familja tal-merill jitfaċċa xi predatur, inkluż xi bniedem. Huma jibqgħu max-xjuħ sakemm huma jitgħallmu jfendu għal rashom u jkunu kapaċi jsibu l-ikel waħedhom.

Fir-rebbiegħa l-merill ikollu l-ewwel bejta frieħ, ġeneralment għal ħabta ta' April jew Mejju. F'ħafna każi, għal ħabta ta' Ġunju l-merill itella' bejta oħra. Din it-tieni bejta normalment tinbena f'post differenti, xi distanza 'l bogħod mill-ewwel waħda. Minn sena għall-oħra, il-merill spiss juża l-istess postijiet għall-bejtiet tiegħu li jkun uża s-sena ta' qabel, speċjalment jekk dawn ikunu mexxew. Wara li jispiċċa l-istaġun tal-bejta, għall-ħabta ta' Lulju, il-merill jibda joħrof, jiġifieri

jbiddel ir-rix. Il-merill xiħ jibdel ir-srix kollu, inkluż ir-rix twil tal-ġwienaħ — il-pinen — u tad-denb, iżda l-frieħ ibiddlu biss xi rix żgħir u jżommu r-rix tal-ġwienaħ u tad-denb sas-sajf ta' wara. Ir-rix jinbidel ftit ftit, il-qadim jitwaqqa' u minfloku jitla' l-ġdid. Ir-rix tal-ġwienaħ ukoll jinbidel bil-mod biex b'hekk dejjem ikun hemm rix biżżejjed biex l-għasfur ikun jista' jibqa' jtir. Ir-rix il-ġdid li jiksi l-ġisem ta' l-għasfur ikun aktar folt u dan ikun ta' għajnuna matul il-ħarifa u x-xitwa; għalhekk huwa ferm importanti li l-bdil tar-rix isir kollu qabel jidħlu dawn l-istaġuni. Kisja rix tajba u ġdida tgħin u jilqa' għat-temp aktar frisk li jġibu magħhom ix-xhur xitwin.

L-ewwel sena fil-ħajja tal-merill hija sena diffiċli u huma ħafna l-merilli li jmutu wara biss ftit xhur qabel ma jkollhom iċ-ċans li jbejtu. Dawk il-merilli li jirnexxielhom jibqgħu ħajjin għal aktar minn sena jkolhom ċans kbir li jgħxu numru mhux ħażin ta' snin. Merill li kien tpoġġielu ċurkett meta kien fir-riserva naturali ta' l-Għadira fl-1980 minn dawk li jistudjaw l-għasafar, membri tal-*BirdLife*, reġa' nqabad għaxar snin wara fl-istess post. Jista' jagħti l-każ li b'aktar studju jinstab li dan l-għasfur jgħix aktar minn hekk.

Minħabba li l-merill huwa l-għasfur nazzjonali ta' Malta igawdi rispett kbir mill-poplu Malti, inklużi xi kaċċaturi u nassaba. Huma ftit dawk li jaslu biex jisparaw għall-merill jew li jippruvaw jaqbduh bix-xbiek. Mill-banda l-oħra huma ħafna l-bejtiet li minnhom jinsterqu l-frieħ tal-merill. Il-frieħ li jinsterqu jitrabbew f'xi gaġġa fejn jibqgħu maqfula ħajjithom kollha. Din id-drawwa kerha, li tikser il-liġi, jeħtieġ li tinqata' kemm jista' jkun malajr biex il-merill jitħalla jbejjet fil-gżejjer tagħna. Hija kontra l-liġi li wieħed jaqbad, joqtol jew iżomm merill, ħaj jew mejjet. Hija wkoll kontra l-liġi li tfixkel bejta ta' xi għasfur li jbejjet fil-gżejjer Maltin, anke tal-merill, speċjalment biex jinsterqu l-frieħ ta' ġo fiha.

Il-merill huwa għasfur resi-denti f'Malta, jiġifieri joqgħod is-sena kollha fil-gżejjer tagħna għax ma jpassix. Huwa għasfur li la x-xemx u lanqas is-sħana qawwija tas-sajf Malti ma jxekklu. Dejjem jirnexxielu jsib xi ftit tad-dell qalb il-blat, f'xi għar jew f'xi bini antik. Id-daqsxejn ilma li jqattar f'xi rdum mill-blat huwa biż-żejjed għalih biex jaqtagħlu l-għatx. Fix-xitwa l-merill irid jaħseb biex jistkenn mill-maltemp u l-irwiefen qawwija, kif ukoll mix-xita li tagħmel bil-qliel. Iżda l-merill ifittex u jsib postijiet għal kenn fejn ir-riħ ma jkunx jaħkem ħafna. Taħt xi saqaf naturali jew artifiċjali jistkenn mix-xita sakemm din tbatti. Minħabba li l-merill huwa għasfur residenti malajr isir jaf l-inħawi li jgħix madwarhom u dan jgħinu aktar minn għasafar oħra

tal-passa biex jisfrutta kull niċċa naturali li teżisti madwaru u biex jagħmel użu minnha skond il-bżonn tal-mument.

Għad baqa' ħafna studju xi jsir fuq il-merill. Sallum għadu qatt ma sar ċensiment ta' kemm il-par merill hawn ibejjet f'pajjiżna. Fi studju li sar fl-1988[1] fuq il-gżira ta' Kemmuna nstab li fuqha jbejtu erba pari merilli. F'Għawdex il-merill huwa relattivament aktar komuni minn Malta. Dan għaliex f'Għawdex hemm relattivament anqas bini u ambjent aktar ideali li jogħġob lill-merill, bħal ngħidu aħna rdumijiet u widien fil-blat.

Il-merill ġie ddikjarat uffiċjalment bħala l-għasfur nazzjonali fl-1971, meta fit-18 ta' Settembru 1971 il-Posta ta' Malta ħarġet sett ta' erba' bolol: tnejn minn dawn, dik tal-ħames soldi u dik ta' l-għaxar soldi, kienu juru l-merill bħala l-għasfur nazzjonali. It-tnejn l-oħra kienu juru l-pjanta nazzjonali: widnet il-baħar. (*ara paġna 14*).

Il-merill jidher kemm fuq munita ta' Lm20 li kienet waħda mill-muniti fl-ewwel set tad-deheb li ħareġ il-Bank Ċentrali ta' Malta fl-1972, kif ukoll fuq il-munita tal-lira li għadha tintuża sallum. Il-merill kien ukoll l-




*Il-munita tal-lira li turi l-merill.*




*Il-munita tad-deheb ta' Lm20 li turi l-merill kienet waħda mill-muniti fl-ewwel set tad-deheb li ħareġ il-Bank Ċentrali ta' Malta fl-1972.*

emblema tas-Soċjetà Ornitoloġika Maltija, qabel din bidlet isimha għal *BirdLife*.

Aktarx li l-popolazzjoni tal-merill fil-gżejjer Maltin bħalissa hija stabbli, hekk li la qed tonqos u lanqas qed tiżdied. Bla dubju ta' xejn, jekk tinqata' l-persekuzzjoni fuq dan l-għasfur, speċjalment mill-kaċċa illegali u s-serq tal-bejtiet, kif ukoll mill-iżvilupp ta' art bla rażan, il-popolazzjoni tal-merill f'pajjiżna tiżdied ħafna aktar. Ikun unur għalina l-Maltin jekk jirnexxielna nipproteġu l-għasfur nazzjonali tagħna kif jixraq u ngħinuh jinfirex aktar fil-kampanja tagħna. O

---

[1] *Studju ta' Raymond Galea u Raymond Caruana.*



*Il-merill iżoqq lill-frieħ fil-bejta.*